# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

### Illum l-Erbgħa, 11 ta' Jannar, 2023

**Kawża Nru. 14**

**Rik. Nru. 96/2022 ISB**

**KPMG Holding Limited (C4365), KPMG Certified Public Accountants and Auditors, Alexander Mamo (I.D. 615256M) fil-kwalita' tiegħu ta' stralċjarju tas-soċjeta' KPMG Property Limited (C11205) u KPMG Investments Limited (C59011)**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** ta' **KPMG Holding Limited (C4365), KPMG Certified Public Accountants and Auditors, Alexander Mamo (I.D. 615256M) fil-kwalita' tiegħu ta' stralċjarju tas-soċjeta' KPMG Property Limited (C11205) u KPMG Investments Limited**, intavolat fis-27 ta' Settembru 2022, li permezz tiegħu talbu lill-Qorti sabiex:

1. *Tordna li l-isem KPMG Property Limited (C11205) jigi restitwit fir-Registru tas-socjetajiet u dan fi zmien qasir moghti minn din l-Onorabbli Qorti;*

2. *Tordna li jerga' jinfetah l-istralc tas-socjeta' KPMG Property Limited (C11205) limitatament sabiex l-istess socjeta' titrasferixxi d-dirett dominju perpetwu tal-fond bin-numru tlieta u ghoxrin (23), Triq Vincenzo Dimech, gia strada Brittanica, Floriana, Malta favur is-socjeta' rikorrenti KPMG Investments Limited (C59011) u sabiex ir-rikavat mill-istess trasferiment jigi assenjat lir-rikorrenti KPMG Holding Limited (C4365) u KPMG Certified Public Accountants and Auditors qua azzjonisti ta' KPMG Property Limited (C11205);*

3. *Tordna sabiex f'kaz li ma jsehhx it-trasferiment tad-dirett dominju perpetwu tal-fond bin-numru tlieta u ghoxrin (23), Triq Vincenzo Dimech, gia strada Brittanica, Floriana favur KPMG Investments Limited (C59011), l-istess dirett dominju perpetwu jigi assenjat lir-rikorrenti KPMG Holding Limited (C4365) u KPMG Certified Public Accountants and Auditors qua azzjonisti ta' KPMG Property Limited (C11205);*

4. *Tahtar lir-rikorrent Alexander Mamo sabiex jassumi l-funzjonijiet, is-setghat u l-obbligi kollha ta' stralcarju tas-socjeta' KPMG Property Limited (C11205), inkluz li jaghmel dak kollu mehtieg sabiex isehh it-trasferiment tad-dirett dominju perpetwu tal-fond bin-numru tlieta u ghoxrin (23), Triq Vincenzo Dimech, gia strada Brittanica, Floriana, Malta favur KPMG Investments Limited (C59011) jew li jigi assenjat lir-rikorrenti KPMG Holding Limited (C4365) u KPMG Certified Public Accountants and Auditors qua azzjonisti ta' KPMG Property Limited (C11205);*

5. *Tordna li l-process tal-istralc tas-socjeta' KPMG Property Limited (C11205) ikun komplut sa zmien li jigi moghti u determinat minn din l-Onorabbli Qorti u wara tali perjodu r-Registratur intimat ikollu s-setgha li jerga' jnehhi isem l-istess socjeta' KPMG Property Limited (C11205) minn fuq ir-Registru tas-socjetajiet.*

U dan wara li ppremettew:

*Illi r-rikorrenti KPMG Holding Limited u KPMG Certified Public Accountants and Auditors huma l-azzjonisti tas-socjeta' KPMG Property Limited (C11205) (gia KPMG Services Limited gia J.T. Office Services Limited) ta' Portico Building, Marina Street, Pieta`, kif jirrizulta mill-Memorandum & Articles of Association tal-istess socjeta', kopja hawn annessa bhala Dok. A;*

*Illi r-rikorrent Alexander Mamo hu l-istralcarju tas-socjeta' KPMG Property Limited;*

*Illi permezz ta' avviz mahrug nhar l-10 ta' Marzu 2021 (kopja hawn annessa bhala Dok. B) ir-Registratur intimat informa li:*

> *"Notice is hereby given for the purpose of paragraph (e) of subarticle (1) of Article 401 of the Companies Act, 1995, that the liquidator of KPMG PROPERTY LIMITED (C11205) with registered office at Portico Building, Marina Street, Pieta' PTA 9044, Malta has delivered a copy of the liquidation accounts and of the scheme of distribution together with the*

> *auditor's report and the Return of the General Meeting, in accordance with Article 274(2) of this Act, for striking the name of the said company off the register.*
>
> *Registration was effected 10th March 2021.*
>
> *Any person having an interest in the said company is hereby advised that unless a sworn application is filed in the Civil Court in terms of Article 275 of the Act, the Registrar shall strike the name of the company off the register on the expiration of 3 months from the publication of this notice."*

*Illi l-ittra msemmija tal-istralcarju rikorrenti flimkien mal-Audited Accounts u Scheme of Distribution huma hawn annessi bhala Dok. C;*

*Illi l-isem tal-imsemmija socjeta' KPMG Property Limited (C11205) gie fil-fatt effettivament imhassar minn fuq ir-Registru tal-kumpaniji nhar l-10 ta' Gunju 2021 kif jirrizulta mill-avviz hawn anness bhala Dok. D;*

*Illi ghalhekk dan l-istralc kien wiehed volontarju;*

*Illi wara li thassar isem is-socjeta' KPMG Property Limited (C11205) minn fuq ir-Registru tal-kumpaniji, r-rikorrenti ndunaw li l-istess socjeta' ghandha dritt reali fuq immobbli li bi zvista ma giex meqjus fl-istralc;*

*Illi dan id-dritt jikkonsisti fid-dirett dominju perpetwu tal-fond bin-numru tlieta u ghoxrin (23), Triq Vincenzo Dimech, gia strada Brittanica, Floriana, Malta;*

*Illi l-provenjenza relattiva ghall-proprjeta' msemmija hi s-segwenti:*

*(i) Permezz ta' kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar Joseph Brincat tal-21 ta' Dicembru 1989 (kopja hawn annessa bhala Dok. E), is-socjeta' KPMG Property Limited (dak iz-zmien J.T. Office Services Limited) akkwistat l-utile dominju perpetwu tal-fond bin-numru tlieta u ghoxrin (23), Triq Vincenzo Dimech, gia strada Brittanica, Floriana,*

*(ii) Permezz ta' kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar Paul George Pisani tal-15 ta' Marzu 1990 (kopja hawn annessa bhala Dok. F), is-socjeta' KPMG Property Limited (dak iz-zmien J.T. Office Services Limited) akkwistat disgha u erbghin minn hamsa u erbghin (49/54) partijiet indivizi tad-dirett dominju perpetwu tal-fond bin-numru tlieta u ghoxrin (23), Triq Vincenzo Dimech, gia strada Brittanica, Floriana;*

*(iii) Permezz ta' kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar Paul George Pisani tal-20 ta' Lulju 1990 (kopja hawn annessa bhala Dok. G), is-socjeta' KPMG Property Limited (dak iz-zmien J.T. Office Services Limited) akkwistat ir-rimanenti hamsa minn hamsa u erbghin (5/54) partijiet indivizi tad-dirett dominju perpetwu tal-fond bin-numru tlieta u ghoxrin (23), Triq Vincenzo Dimech, gia strada Brittanica, Floriana;*

(iv) *Permezz ta' kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar Malcolm Mangion tat-8 t'April 2013 (kopja hawn annessa bhala Dok. H), is-socjeta' KPMG Property Limited ittrasferiet l-utile dominju perpetwu tal-fond bin-numru tlieta u ghoxrin (23), Triq Vincenzo Dimech, gia strada Brittanica, Floriana lir-rikorrenti KPMG Investments Limited;*

*Illi ghalhekk id-dirett dominju perpetwu fuq l-imsemmija proprjeta' baqa' tas-socjeta' KPMG Property Limited (C11205) sa kemm giet stralcjata;*

*Illi kien biss bi zball u bi zvista tar-rikorrenti KPMG Holding Limited, KPMG Certified Public Accountants and Auditors u Alexander Mamo li dan id-dirett dominju fuq il-proprjeta' msemmija ma ssemmiex u ma giex inkluz fl-istralc ta' KPMG Property Limited (C11205);*

*Illi r-rikorrenti ndunaw b'dan l-izball recentement meta s-socjeta' rikorrenti KPMG Investments Limited (li d-diretturi taghha huma wkoll diretturi fis-socjeta' rikorrenti KPMG Holding Limited u li hi l-proprjetarja tal-utile dominju perpetwu tal-proprjeta' msemmija li tinsab il-Furjana) iffirmat konvenju ghat-trasferiment tal-istess proprjeta';*

*Illi kif gie ritenut diversi drabi, inkluz fil-kawza fl-ismijiet Colinrose Limited et vs Ir-Registratur tal-Kumpaniji et (79/2021 ISB) deciza nhar il-11 ta' Lulju 2022, il-fatt li l-istralc gie konkluz minghajr ma' gie inkluz l-imsemmi dirett dominju perpetwu jikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali ai termini tal-Artikolu 300B tal-Kap. 386, liema illegalita' sehhet bi zvista;*

*Illi ghalhekk, ai termini tal-Artikolu 300B tal-Kap. 386, hu necessarju li s-socjeta' KPMG Property Limited (C11205) (gia KPMG Services Limited gia J.T. Office Services Limited) terga' titqieghed fir-Registru tal-kumpaniji u jerga' jinfetah l-istralc tal-istess socjeta' sabiex ikun jista' jigi retifikat dan l-izball materjali;*

*Illi r-rikorrenti jixtiequ jirratifikaw dan l-izball billi, gia la darba s-socjeta' KPMG Property Limited (C11205) (gia KPMG Services Limited gia J.T. Office Services Limited) terga' titqieghed fir-Registru tal-kumpaniji u jerga' jinfetah l-istralc tal-istess socjeta', jigi ttrasferit id-dirett dominju perpetwu tal-fond bin-numru tlieta u ghoxrin (23), Triq Vincenzo Dimech, gia strada Brittanica, Floriana mis-socjeta' KPMG Property Limited a favur is-socjeta' rikorrenti KPMG Investments Limited, li da parte taghha tista' titrasferixxi l-intier tal-istess proprjeta' (kemm l-utile dominju perpetwu u kif ukoll id-dirett dominju perpetwu) a favur tat-terz li maghha KPMG Investments Limited gia ffirmat konvenju;*

*Illi ghalhekk ir-rikorrenti huma kollha persuni interessati ai termini tal-Artikolu 300B tal-Kap. 386;*

*Illi jirrizulta li ghadu ma ddekorriex perjodu ta' hames (5) snin mid-data illi s-socjeta' KPMG Property Limited giet imhassra minn fuq ir-Registru tal-kumpaniji;*

> *Illi jirrizulta wkoll li dan hu l-uniku rimedju disponibbli sabiex jigi ratifikat l-izball u jigi ttrasferit id-dirett dominju perpetwu tal-proprjeta' fil-Furjana li ghadu f'isem is-socjeta' KPMG Property Limited.*

Rat id-dokumenti li kienu ppreżentati mar-rikors (fol 6 sa fol 50).

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta` Settembru 2022, minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-31 ta' Ottubru 2022 f'12:00pm, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lill-intimat Registratur tal-Kumpanniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fis-6 ta' Ottubru 2022 (ara tergo ta` fol 52).

Rat illi fis-26 ta' Ottubru 2022, ir-**Registratur tal-Kumpanniji** intimat ppreżenta ir-risposta tiegħu (fol 53), li permezz tagħha, huwa sostna:

> *Illi in kwantu għall-meriti fattwali tal-kawża ir-Reġistratur tirrimetti ruħha għall-provi u għall-ġudizzju tal-Qorti;*
>
> *Illi l-kumpanija KPMG Property Limited kienet ġiet reġistrata fid-19 ta' Diċembru 1989;*
>
> *Illi fit-30 ta' Diċembru 2013, il-kumpanija in kwistjoni, tramite l-istralċjarju Alexander Mamo, bagħtet għar-reġistrazzjoni l-avvizi relevanti skont l-Att dwar il-Kumpaniji għax-xoljiment u għall-kanċellament minn fuq ir-Reġistru tal-kumpanija KPMG Property Limited (C 11205);*
>
> *Illi għaldaqstant l-istralċjarju kompla sabiex talab lir-Reġistratur illi l-isem tal-kumpanija KPMG Property Limited (C 11205) jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru;*
>
> *Wara li kkonferma illi d-dokumenti huma konformi mal-liġi, ir-Reġistratur mxiet sabiex tirreġistrahom skont l-Artikolu 401 tal-Att dwar il-Kumpanniji u ġie ppublikat l-avviż skont l-artikolu 401(1)(e) tal-Att dwar il-Kumpaniji nhar l-10 ta' Marzu 2021;*
>
> *Illi minkejja tali publikazzjoni, ħadd ma għamel xi tip ta' oġġezzjoni għat-tħassir tal-isem tas-soċjeta' in kwistjoni matul it-tliet xhur fuq imsemmija;*
>
> *Illi r-Reġistratur ħarġet il-publikazzjoni meħtieġa sabiex tavża illi għall-fini tal-artikolu 324(1) tal-Att dwar il-Kumpaniji, b'effett mill-10 ta' Ġunju 2021 l-isem tal-kumpanija kien ġie ikkanċellat minn fuq ir-Reġistru skont l-artikolu 275(1) tal-istess Att;*
>
> *Illi fil-kawża odjerna ir-rikorrenti qegħdin jitolbu sabiex l-isem tal-kumpanija jerġa jitqiegħed fuq ir-Reġistru minħabba illi bi żvista, ma ġiex meqjus fl-istralċ dritt reali fuq immobbli illi l-kumpanija kellha qabel ma l-kumpanija ġiet xolta u sussegwentement ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi iktar speċifikament fir-rikors promotur ir-rikorrenti jispegaw illi qabel ma sar il-proċess illi wassal għat-tħassir tal-isem KPMG Property Limited minn fuq ir-Reġistru, id-dritt reali fuq l-immobbli in kwistjoni kien jikkonsisti fid-dirett dominju perpetwu tal-fond bin-numru tlieta u għoxrin (23), fi Triq San Vincenzo Dimech, ġia strada Brittanica, Floriana, Malta, liema dritt jingħad fir-rikors promotur "kien biss bi żball u bi żvista tar-rikorrenti KPMG Holding Limited, KPMG Certified Public Accountants and Auditors u Alexander Mamo li dan id-dirett dominju fuq il-propjeta' msemmija ma ssemmiex u ma ġiex inkluż fl-istralċ ta' KPMG Property Limited (C11205)", liema żball jingħad fir-rikors promotur, jikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali ai termini tal-artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi l-esponent tixtieq umilment tissolleva illi fis-sentenza tagħha din l-Onorabbli Qorti għandha tagħti direttivi u termini ċari u stretti sabiex l-affarjiet tal-kumpannja ma jitwalux bla bżonn;*

*Illi fl-essenza tiegħu r-rimedju illi tista' tagħti dina l-Onorabbli Qorti, jekk ikun il-każ, huwa wieħed speċjali u eċċezzjonali u għalhekk meta titressaq talba għall-proċedura skont l-Artikolu 300B wieħed minn dawn ż-żewg elementi kostitivi irrid jiġi provat skont kif titlob il-liġi. Għaldaqstant f'kull każ il-Qorti għandha teżerċita kawtela u tuża d-diskrezzjoni tagħha b-mod ċar sabiex taċċerta ruħha illi tali każ huwa wieħed ġenwin sabiex jiġi skansat kull lok ta' abbuż. Dan huwa fatt importanti meta wieħed jikkonsidra l-fatt illi l-liġi ma tagħti ebda ħjiel jew definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali. Ta' min jgħid illi mhux kull illegalita' tiskatta l-jedd għar-rimedju taħt l-Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji. Illi x'inhu materjali jiddependi mill-fattispeċi ta' kull każ individwali u għalhekk irid jiġi ppruvat b'mod lampanti min-naħa tar-rikkorenti għas-sodisfazzjon ta' dina l-Onorabbli Qorti. Għalhekk, tali illegalita' trid tkun waħda illi wasslet għall-ivizzjar tal-proċess tal-istralċ. Illi għalhekk l-istralċjarju għandu joqgħod ferm attent illi jara illi qabel ma jgħaddi għall-proċedura illi twassal għall-kanċellament u tħassir tal-isem tal-kumpanija in kwistjoni, huma jkunu kollha effettivament konklużjoni. Dan mingħajr il-ħsieb komdu illi jekk jinqala xi ħaġa wara, jista' jirrikorri għar-rimedju taħt xi artikolu illi jipprovdi l-Att dwar il-Kumpaniji, specifikament l-Artikolu 300B tal-istess Att. Illi appuntu l-funzjoni tal-istralċjarju, kif ġie magħżul mis-soċji tal-kumpanija jeżiġi illi jillikwida u jikkonkludi l-affarijiet tal-kumpanija illi l-isem tagħha sejjer jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru bħala konsegwenza tal-inkarigu mportanti tiegħu;*

*Illi meta l-istralċ jkun wieħed voluntarju l-attenzjoni, l-viġilanza u kawtela tal-istralċjarju tal-kumpannija għandhom ikunu fil-massimu tagħhom. Leġġerenza u negliġenza, l-aktar meta ikunu daqstant evidenti u grossolani, jammontaw għal aġir illegali u mhux sempliċiment żvista kif qalu r-rikkorenti fir-rikors tagħhom;*

*Din l-Onorabbli Qorti f'senteza* ***Lay Lay Co. Limited vs Peter Paul Darmanin fil-kwalita tieghu qua likwidatur ta' Alsan Enterprises Company Limited (C 17683) u Ir-Registratur tal-Kumpanniji u b'digriet tal-1 ta' Novembru***

***2010 Modern Design Properties Limited (C 14871) u Polidano Holdings Limited (C 15143) intervjenew fil-kawza in statu et terminis** ġie spjegat illi "jekk li ġara kien unikament frott ta` "żvista" allura ma jistax jissussisti r-rekwiżit tal-illegalita` ta` natura materjali għaliex il-proċediment skont l-Art 300B mhuwiex intiż biex jirrimedja għal żbalji jew żvisti." Illi f'dan il-każ irid jiġi stabbilit jekk id-dritt reali fuq l-immobbli in kwistjoni kienx inġieb a konoxxenza tal-istralċjarju jew kienx il-każ illi l-uffiċjali naqsu milli jinfurmaw lill-istralċjajru bil-konsegwenza illi kien hemm illegalita' materjali fl-istralċ;*

*Illi l-istralċjarju għandu iktar responsabilita' u dan kif speċifikat fis-sentenza **Lay Lay Co. Limited vs Peter Paul Darmanin fil-kwalita tieghu qua likwidatur ta' Alsan Enterprises Company Limited (C 14871)** u Ir-**Registratur tal-Kumpanniji u b' digriet tal-1 ta' Novembru 2010 Modern Design Properties Limited (C 14871) u Polidano Holdings Limited intervjenew fil-kawza in statu et terminis** : "Il-Qorti tirrileva li l-istralċjarju għandu funzjonijiet, setgħat u allura responsabilitajiet kbar. Mhux kulħadd huwa eliġibbli biex ikun stralċjarju."*

*Illi fin-nuqqas ta' provi li l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija jkun vizzjat bi frodi jew b'illegalità ta' natura materjali, l-esponent jixtieq jissottometti li r-rimedju mitlub mir-rikorrenti m'għandux ikun dak taħt l-artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji, iżda għandha ssir talba taħt l-artikolu 300A tal-istess Att;*

*Illi l-Artikolu 300A jipprovdi illi meta fil-kors tal-istralċ ta' kumpanija ma jkunx ġie ikkalkolat xi assi tal-kumpanija u l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru kull persuna illi fil-fehma tal-Qorti għandha interess, tista' permezz ta' rikors titlob il-Qorti sabiex tordna r-rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni taħt dawk id-direttivi u kondizzjonijiet illi jidrilha li huma xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi tal-kaz illi ikollha quddiemha;*

*Illi f' każ ta' stralċ voluntarju, l-obbligi u responsabbilitajiet legali tal-istralċjarju huma iktar onorużi. Għaldaqstant l-istralċjarju irid jassigura ruħu illi l-affarijiet ġew verament iffinalizzati u li jiddetermina illi d-drittijiet u kondizzjonijiet miftehmin tal-kumpanija partikolarment fuq dawk immobbli jkunu verament għaddew qabel ma jgħaddi għas-sottomissjoni tad-dokumentazzjoni finali;*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk dina l-Onorabbli Qorti tħoss illi għandha tagħti rimedju taħt l-Artikolu 300B għandu jiġi akkordat bħala wieħed eċċezzjonali u straordinarju skont iċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ u għandu jingħata żmien improrogabbli sabiex l-affarjiet tal-kumpanija in kwistjoni jiġu definittivament konklużi.*

*Illi filwaqt illi l-esponent qiegħda toġġezjona għat-talba kif magħmula mir-rikkorenti, u ċioe' illi t-talba għandha tkun dik taħt l-artikolu 300A u mhux 300B, l-esponenti Reġistratur tirrimetti ruħha għall-provi u għall-ġudizzju abbli ta' din l-Onorabbli Qorti. Dan sabiex jiġi stabbilit jekk ir-rikorrenti fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern jimmeritawx illi jingħataw ir-rimedju eċċezzjonali provdut taħt l-Att dwar il-Kumpaniji fiċ-ċirkustanzi.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat in-nota tar-rikorrenti intavolata fit-22 ta' Novembru 2022 (fol 61) li permezz tagħha ppreżentaw affidavits ta' **Andrew Zarb** u **Alexander Mamo** (Dok AZ u Dok AM rispettivament, fol 62 sa fol 68).

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Novembru 2022, deher l-Avukat Ian Vella Galea għar-rikorrenti u ddikjara li ir-rikorrenti m'għandhomx aktar provi x'jipproduċu.

Rat illi fl-udjenza tat-2 ta' Diċembru 2022 id-difensur tar-Reġistratur ddikjarat illi m'għandhiex aktar provi x'jipproduċi u wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, il-Qorti rat illi bi qbil mad-difensuri tal-partijiet il-kawża tħalliet għal-llum għall-provediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirriżulta mill-atti illi fir-rikors promotur ġie ddikjarat li s-soċjetajiet rikorrenti huma lkoll azzjonisti fil-kumpannija kummerċjali b'responsabilita` limitata bl-isem ta' **KPMG Property Limited (C11205),** filwaqt li Alexander Mamo huwa l-istralċjarju tal-istess soċjeta`, liema kumpanija ġiet reġistrata fid-9 ta' Novembru 2011 u sussegwentament xjolta u *struck off* nhar l-10 ta' Ġunju 2021 u dana permezz proċess ta' likwidazzjoni volontarja.

Illi jirrizulta illi fil-kors tal-likwidazzjoni u l-eventwali distribuzzjoni tar-rimanenti assi tas-soċjeta KPMG Property Limited, l-istralċjarju naqas milli jieħu konjizzjoni ta' dritt reali fuq immobli li jikkonsisti fid-dirett dominju perpetwu tal-fond bin-numru tlieta u għoxrin (23), Triq Vincenzo Dimech, ġia Strada Brittanica, Floriana.

Illi jirriżulta li l-kumpannija KPMG Property Limited akkwistat l-utile dominju, kif ukoll id-dirett dominju tal-imsemmi fond permezz ta' numru ta' kuntratti elenkati fir-rikors promotur u fit-8 t'April 2013 permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Malcolm Mangion ittrasferiet l-*utile dominju* tal-istess fond lil KPMG Property Limited.

Illi jirrizulta illi in segwitu għal dak li ġara u l-ommissjoni da parti tal-persuna inkarigata mill-istralċ ta' KPMG Property Limited, ir-rikorrenti għandhom interess illi l-kumpannija kummerċjali b'responsabilita` limitata KPMG Property Limited terġa` tiġi restitiwita fuq ir-Reġistru sabiex l-imsemmi dritt reali jinbiegħ mill-istralċjarju a favur is-soċjeta rikorrenti KPMG Investments Limited.

Illi jirriżulta illi l-pozizzjoni li ħa r-**Reġistratur tal-Kumpanniji** tista' titqies waħda pjuttost newtrali iżda ferma. Huwa altru milli korrett ir-Reġistratur jgħid u jsostni illi meta jkun hemm stralċ, għandu jitħares u jiġi assikurat minn min hu interessat, illi jkun aċċertat illi l-assi u d-djun kollha jkunu inklużi fil-process ta' stralċ u li dan għandu jsir qabel ma jiġu ppreżentati d-dokumentazzjoni finali għal kanċellament.

Illi dan jevita ċertament lok għal abbuz. Huwa f'dan il-kuntest illi r-Reġistratur tal-Kumpanniji jinsisti illi jekk din il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, allura dan isir fuq parametri u termini ċari sabiex jiġi evitat kwalsiasi element ta' abbuż jew preġudizzju għal terzi persuni, anke in vista tal-fatt illi dan huwa rimedju eċċezzjonali.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Fix-xhieda tiegħu, **Andrew Zarb,** li huwa senior partner fid-ditta KPMG Certified Public Acountants and Auditors, jgħid li kien jokkupa wkoll il-kariga ta' direttur u segretarju tas-soċjeta` KPMG Property Limited (C 11205). Jispjega li KPMG Certified Public Accountants and Auditors u KPMG Holding Limited huma l-uniċi azzjonisti fis-soċjeta KPMG Property Limited, li kien oriġinarjament jisimha J.T. Office Services Limited u wara KPMG Services Limited, sakemm finalment bidlet isimha għal KPMG Property Limited.

Jispjega li s-soċjeta` KPMG Property Limited kienet akkwistat kemm l-*utile dominju* kif ukoll id-*dirett dominju* tal-fond bin-numru 23 fi Triq Vincenzo Dimech, ġia strada Brittanica, Floriana, permezz ta' numru ta' kuntratti minnu elenkati. Jgħid li sussegwentament, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Malcolm Mangion tat-8 t'April 2013, KPMG Property Limited ittrasferit biss l-*utile dominju* perpetwu tal-imsemmi fond lil KPMG Holding Limited.

Jispjega li wara dan it-trasferiment, ġie deċiż li KPMG Property Limited tiġi stralċjata b'mod voluntarju u kien tqabbad Alexander Mamo bħala stralċjarju. Jgħid li l-istess stralċjarju kien ikkonkluda l-kompitu tiegħu u indika li ma kien hemm l-ebda fondi jew assi x'jiġu distribwiti lill-azzjonisti, pero` ma sarux riċerki sabiex jiġi verifikat kienx hemm drittijiet reali fuq immobbli. Jgħid li in segwitu għal dan isem is-soċjeta KPMG Property Limited ġie mħassar fl-10 ta' Ġunju 2021.

Jispjega li KPMG Investments Limited daħlet f'konvenju sabiex tbiegħ il-fond de quo lil terzi u ġie nnutat li KPMG Property Limited kienet għadha sid tad-dirett dominju tal-istess propjeta` u kien bi żball u bi żvista tad-diretturi, l-azzjonisti u l-istralċjarju li dak ma kienx ġie meqjus fl-istralċ tal-istess kumpanija. Jgħid li KPMG Investments Limited obbligat ruħha li tittrasferixxi l-fond bħala liberu u frank.

Jgħid li huwa għal din ir-raġuni li r-rikorrenti għandhom interess u qegħdin jitolbu li KPMG Property Limited (C-11205) terġa` titqiegħed fir-Reġistru tal-Kumpaniji u jerġa` jinfetaħ l-istralċ sabiex ikun jista jiġi rettifikat dan l-iżball materjali u dana billi jiġi ttrasferit id-dirett dominju tal-fond *de quo* lil KPMG Investments Limited. Jgħid li dan jidher li hu l-uniku rimedju disponibbli sabiex jiġi ratifikat l-iżball li seħħ. Jispjega li wara li jsir dan, m'hemm l-ebda skop li għalih KPMG Property Limited għandha tibqa` topera.

Fl-affidavit tiegħu **Alexander Mamo** jgħid li hu *accountant* u ġie mqabbad bħala stralċjarju tas-soċjeta KPMG Property Limited (C-11205). Jispjega li l-informazzjoni li kien ġie mogħti dak iż-żmien kienet fis-sens li s-soċjeta` m'għandhiex assi u ma wettaq l-ebda riċerki sabiex dan jiġi verifikat. Jgħid li wara li ppreżenta l-kontijiet u l-iskema ta' distribuzzjoni lir-Reġistratur tal-Kumpaniji, isem is-soċjeta KPMG Property Limited ġie mħassar minn fuq ir-reġistru tal-Kumpaniji fl-10 ta' Ġunju 2021.

Jispjega li sussegwentament l-azzjonisti tal-istess soċjeta` indunaw li din is-soċjeta hija l-propjetarja tad-dirett dominju tal-fond 23, Triq Vincenzo Dimech, Floriana u din ma kinitx ġiet inkluża fl-istalċ.

**Ikkunsidrat Ultejrorment:**

**Art. 300B tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta:**

*(1) Meta kumpanija tkun tħassret minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna hi li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ.*

*(2) Meta, fuq rikors magħmul taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tkun sodisfatta li l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija jkun vizzjat bi frodi jew b'illegalità ta' natura materjali, il-Qorti tista' tordna li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ għal dawk ir-raġunijiet u għal dak iż-żmien li l-Qorti tispeċifika fid-deċiżjoni tagħha, u l-Qorti għandha tagħti dawk id-direttivi u timponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xieraq.*

*(3) Il-Qorti għandha tilqa' t-talba biss jekk tkun sodisfatta li dak ikun l-uniku rimedju li jkun hemm.*

Il-Qorti tibda biex tgħid illi mill-provi mressqa jirriżulta illi d-dirett dominju tal-fond 23, Triq Vincenzo Dimech, Floriana ma ġiex inkluż fl-istralċ tal-kumpannija KPMG Property Limited.

Fix-xhieda tagħhom Andrew Zarb u Alexander Mamo jgħidu b'mod ċar u inekwivoku li kien żball u żvista li din il-propjeta` ma ġiex inkluża fl-istralċ għax ċertament li kien ikun ta' benefiċċju għall-azzjonisti li din il-propjeta` tiġi nkluża.

Di piu`, huwa bil-wisq ċar u evidenti illi l-fatt li l-istalċ ġie konkluż mingħajr ma ġiet inkluża l-imsemmija propjeta` jikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali.

Huwa ċar f'moħħ il-Qorti li hawnekk si tratta ta' stat ta' illegalita' illi fis-sens illi mhux il-proprjeta' kollha kienet inkluza fl-istralc u dan ghar-raguni illi l-istralcarju ma giex mgharraf bid-dritt reali de quo u ricerki ma sarux.

Il-Qorti hija ukoll sodisfatta illi ma għaddewx il-ħames snin mid-data illi l-kumpannija ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji u di fatti hemm qbil dar dan bejn il-partijiet.

Finalment, illi l-Qorti tħoss illi l-uniku rimedju illi ghandhom ir-rikorrenti huwa billi jintlaqa' ir-rikors promotur odjern.

Il-**Professur Andrew Muscat**, fil-ktieb tieghu **Principles of Maltese Company Law**, (2nd Edition) ighid:

*A liquidator who, whether negligently or fraudulently, fails to take into account a pending claim will, it is submitted, have acted unlawfully. After all, in terms of general principles of law, a person who does not use prudence, diligence and attention of a bonus pater familias and causes damage as a result is deemed to have acted unlawfully. Moreover a*

> *liquidator is clearly bound by law to take into account all pending claims against the company (daqstant iehor kull ass attiv), and if he fails to do so through negligence, imprudence or want of attention he should also be deemed to have acted unlawfully*.[1]

Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tiġbidx l-attenzjoni tar-rikorrenti, partikolarment tal-istralċjarju Alexander Mamo, li l-proċedura tal-istralċ tinħtieġ aktar attenzjoni sabiex żbalji jew żvisti simili għal dak li seħħu fil-każ odjern ma jirrepetux ruhom.

**Għaldaqstant**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tqis it-tħollija barra ta' propjeta` immobbli msemmija fir-rikors promotur qabel ma ġie ffinalizzat tal-istralċ tal-kumpannija msemmija kien illegali u jikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali u għalhekk ser tgħaddi biex takkolja it-talbiet tar-rikorrenti u tenut kont ta` l-assjem ta` fatti u ċirkostanzi li l-Qorti ġiet mgħarrfa bihom, din il-Qorti qegħda:

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tordna** li l-isem **KPMG Property Limited (C-11205)** jerġa` jidħol fir-Reġistru tas-Soċjetajiet kif mitlub sa mhux aktar tard minn gimgħatejn mill-llum.

2. **Tilqa' t-tieni u t-tielet talba u tordna** illi jerġa' jinfetaħ l-istralċ tal-istess kumpanniji **KPMG Property Limited (C-11205)** limitatament sabiex jittieħdu l-passi u l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiġi trasferit mill-istralċjarju lil KPMG Investments Limited, jew lill-azzjonisti tal-istess soċjeta' KPMG Property Limited (C-11205), cioe` KPMG Holding Limited (C4365) u KPMG Certified Public Accounts and Auditors, id-dirett dominju perpetwu fuq l-propjeta` bin-numru tlieta u ghoxrin (23), Triq Vincenzo Dimech, Floriana.

3. **Tilqa' r-raba' talba u taħtar** lil Alexander Mamo, detentur tal-karta' tal-identita' bin-numru 615216(M) sabiex jassumi l-funzjonijiet, is-setgħat u l-obbligi kollha ta' stralċjarju tal-kumpannija **KPMG Property Limited (C-11205) u dan sabiex jezegwixxi dak ordnat hawn aktar il-fuq**.

4. **Tilqa' l-hames talba u tordna** lill-istess stralċjarju Alexander Mamo sabiex jaghmel dak kollu li hemm bzonn sabiex jiġi trasferit id-dirett dominju perpetwu tal-propjeta 23, Triq Vincenzo Dimech, Floriana kif hawn fuq ordnat, u dan taht il-pattijiet u kundizzjonijiet hawnekk stipulati:

    a) Illi dan il-process ta' kontinwazzjoni u finalizazzjoni tal-process ta' l-istralc tal-kumpannija **KPMG Property Limited (C-11205)** għandu jkun komplut sa zmien <u>massimu</u> ta' sena mill-llum, b'dan illi wara din is-sena ir-Reġistratur intimat jkollu s-setgha illi jerġa' jneħħi isem il-kumpannija msemmija minn fuq ir-Registru tal-kumpanniji;

    b) F'eventwalita' illi isir it-trasferiment hawn fuq msemmi qabel t-trapass tas-sena msemmija, allura ir-rikorrenti għandhom javżaw b'dan lir-Reġistratur intimat sabiex huwa jkun jista' jgħaddi għat-tneħħija tal-isem tal-kumpannija minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji minnufih.

[1] Principles of Maltese Company Law, Second Edition, Vol I

c) Illi l-Qorti trid tagħmilha ċara li dan il-provvediment bl-ebda mod ma għandu jfisser li bħal donnu l-Qorti tat jew qed tagħti xi *carte blanche* lill-kumpannija de quo u/jew lill-ufficjali tagħha u/jew lill-istralcarju tagħha sabiex isir xi ħaġa oħra, għajr għal dak hawn deċiz u ordnat u huwa għalhekk illi l-Qorti qed taghmilha cara illi una volta' ri-integrata fuq ir-Reġistru, il-kumpanija **KPMG Property Limited (C-11205)** tista` biss, entro l-perjodu massimu hawnekk konċess, tgħaddi biex tittrasferixxi l-d-dirett dominju perpetwu fuq il-fond msemmi hawn fuq u xejn aktar.

d) Illi l-ispejjes ta' din il-proċedura u kif ukoll kwasliasi spejjes li nkorra r-Registratur intimat sabiex ikkancella isem is-socjeta' KPMG Property Limited u illi ghad jista' jinkorri sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet u eventwalment sabiex jerġa' jikkanċella isem il-kumpannija wara li jsir dak hawn fuq deċiż, ikunu a karigu tas-soċjetatjiet rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**